MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2010

Numru. 732/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J. Abdilla]**

**vs**

**Alexia Cross**

**Kumpilazzjoni Numru: 732/2007**

Illum 10 ta’ Mejju 2010

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Alexia Cross ta’ 28 sena, bint James u Josephine nee` Mangion, imwielda San Giljan fl-14 ta’ Gunju, 1979, u fil-prezent residenti fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Detentrici tal-karta ta’ l-identita` bin-numru: 316279M.

1. Akkuzata talli f’ Mejju, 2007 u fil-gimghat ta` qabel, f’ dawn il-Gzejjer, b’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’ qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fqu haddiehor jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimrika, ghamlet qliegh b’ qerq ta’ aktar min elf liri Maltin (€2329.27) ghad-dannu ta’ Raymond Avallone; Joseph Lewis; tal-Bank of Valletta plc; ta’ Ray’s Garage (Qormi); u ta’ Lewis Jewellery (St. Venera);

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, kkommettiet serq ta’ diversi cekkijiet mic-cheque book tal-Bank of Valletta p.l.c. li jappartjeni lil Ray’s Garage, liema serq sar ghad-dannu ta’ Ray’s Garage u ta’ Raymond Avallone u ma jaqbizx l-ghaxar liri Maltin (€23.29);

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura jew fil-firem, u cioe` cekkijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. li jappartjeni lil Ray’s Garage, billi halqet pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

B’ hekk l-akkuzata kisret l-ordni ta’ probation, meta wettqet reat fi zmien il-perjodu ta’ tlett snin minn sentenza tal-probation mghotija fit-12 ta’ April 2007, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna l-akkuzata ghal-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota li permezz taghha l-Avukat Generali baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 284, 285, u 286 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 308, 309 u 310(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 7(7), 20 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; u
e) 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difieza.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-fatti ma jirrizulta l-ebda dubbju ta' xejn. L-imputata kienet hadet hames cekkijiet vojta minn *cheque book* ta' certu Raymond Avallone minghajr il-kunsens tieghu. Hi mliet dawn ic-cekkijet u iffirmathom minflok Avallone, ukoll minghajr il-kunsens tieghu; uzat wiehed minnhom, ghal ammont ekwivalenti ghal Lm100, ghand l-istabbiliment Maypole fil-waqt li l-erbgha' l-ohra, ghal ammont ekwivalenti ghat-total ta' Lm1,450, sarrfithom fuq l-idejn. Jirrizulta wkoll li l-Lm100 huma dovuta lil Carmel Debono tal-Maypole Confectionery fil-waqt li l-Lm1,450 illum huma dovuta lill-Bank of Valletta plc.

Illi mill-atti jirrizulta ukoll li *pendente lite* l-imputata ghamlet biss pagament ta' mija u hamsin Euro (€150) lill-Bank of Valletta plc ghalhekk kwazi l-ammont kollu ghadu dovut sa' llum. Ta' min wiehed jirrileva li fid-depozizzjoni taghha tas-26 ta' April 2010 l-imputata qalet li hija hallset l-

ammont ta' €233 lill-Maypole pero ma gabet l-ebda prova ta' din l-allegazzjoni.

Illi jirrizulta li dawn il-fatti sehhew f'Mejju tas-sena 2007 prattikament xahar wara li l-istess imputata kienet tpoggiet taht probation ghal perjodu ta' tlett snin ghal reati identici ghal dawk odjerni.

Illi ghalhekk l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni.

Illi kif diga intqal l-imputata wettqet ir-reati li taghhom qed tinstab hatja llum xahar wara li hija instbet hatja ta' reati simili u tpoggiet taht probation.

Illi ta' min wiehed jirrileva ukoll li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-imputata kienet taghmel hafna weghdiet li ser thallas l-ammonti dovuta minnha u l-Qorti, b'l-ghan li l-parte leza tigi effettivament imhallsa, taghtha diversi oppportunitajiet biex taghmel dan. L-imputata mhux talli m'ghamilitx dan imma anke waslet biex iddikjarat il-falz (mhux b'gurament) li hija kienet issaldat l-ammonti kollha mal-Bank of Valletta meta fil-fatt l-ammont kollu dovut lil Bank of Valletta kien ghadu pendenti[1].

Illi r-reati odjerni gew kommessi f'perjodu ta' probation ghalhekk il-Qorti hija prekluza milli timponi sentenza sospieza. Jidher ukoll li l-biza' ta' sanzjonijiet ulterjuri li jistghu jirrizultaw wara ksur ta' probation ma servietx ta' deterrent fuq l-imputata konsegwentement huwa car li anke mizuri kontemplati fil-Kapitolu 446 mhux indikata fil-kaz in ezami. Ghalhekk l-unika mizura li tista' tiehu din l-Qorti ghar-reati li taghhom l-imputata qed tinstab hatja llum hija dik ta' prigunerija effettiva. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li t-tieni u tielet imputazzjonijiet jirrieferu ghal reati li jistghu jitqiesu bhala mezz ai fini tat-twettieq tar-reat kontemplat f'l-ewwel imputazzjoni.

---

[1] Ref verbal ta' l-udjenza mizmuma fil-11 ta' Gunju 2009 – fol 53

Illi dwar ir-reati li taghhom instbet hatja fit-12 ta’ April 2007 u li ghalihom tpoggiet taht probation il-Qorti qed taghzel li ma titrattax ma’l-imputata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 183, 184, 284, 285, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u tikkundannaha hmistax il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------